TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 225/14/GB

**Silvana Spiteri**

**vs**

**International Trading Co. Ltd.**

Illum 14 ta' Jannar 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-10 ta' Novembru, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' tliet mija u ghaxar Ewro (€310.00), rapprezentanti l-prezz li hallset ghal 'hob', li nxtara minghand is-socjeta' ntimata, liema 'hob' kien difettuż.

Is-socjeta' ntimata ipprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taccirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet xtrat 'hob' minghand is-socjeta' ntimata, fl-24 ta' Gunju 2014. Dan gie nstallat fl-4 ta' Awissu, u bdiet tużah wara s-16 ta' Awissu. Gimgha biss wara li r-rikorrenti bdiet tużah, bdew hiergin tbajja' tas-sadid. Illi ghalhekk, hija lmentat mas-socjeta' ntimata, u ntbaghat it-tekniku fuq il-post. Fl-1 ta' Settembru meta mar it-tekniku, hu beda joghrok fejn kien hemm it-tbajja', fejn baqa' joghrok il-'hob' ghal madwar ghoxrin minuta ghaliex it-tbajja' ma bdewx imorru. L-ghada li kien mar it-tekniku, ir-rikorrenti regghat ilmentat mas-socjeta' ntimata ghaliex it-tbajja' ma kienux marru kollha u fejn beda joghrok it-tekniku, ma kienx baqa' l-istess kulur ta' fejn ma kienx ghorok, u wkoll hija ndunat li kienu hargu grief fuq il-'hob', fejn kien ghorok it-tekniku. Fit-23 ta' Settembru, is-socjeta' ntimata ġabret il-'hob' biex terga' tipprova tnaddfu. Fis-26 ta' Settembru, ir-rikorrenti marret tara l-'hob' u ma kienitx sodisfatta

għaliex xorta kien għad fadallu tbajja'. Illi għalhekk, ir-rikorrenti ma aċċettatx il-'hob' lura u talbet li tingħata l-flus lura.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrenti xtrat il-'hob' fl-24 ta' GUnju 2014. Wara ftit taż-żmien, hi bagħtet għas-socjeta' ntimata għaliex bdiet tilmenta li l-'hob' kien mimli sadid. Is-socjeta' ntimata bagħtet lit-tekniku tagħha, fejn hu ġibed l-attenzjoni tar-rikorrenti li t-tbajja' ma kienux sadid.

It-tekniku sab:

1. Titjir ta' l-ikel;

2. Fejn il-burner il-kbira kien hemm dabra sewda li kienet ikkaġunata minn borom jew taġen li mhux addattat;

3. Indikalha wkoll li kien hemm il-grif.

It-tekniku uża l-'polish' apposta għall-istainless steel u beda jippolixja fejn bdiet tindikalu r-rikorrenti. L-għada, ir-rikorrenti reggħat ċemplet biex tilmenta u għalhekk is-socjeta' ntimata ħadet il-'hob' fil-workshop tagħha u pprovdiet 'loan hob' lir-rikorrenti sabiex tkun tista' tinqeda'.

Wara li l-'hob' kien 'polished', ir-rikorrenti marret tarah, sabiex is-socjeta' ntimata taċċerta ruħha li kienet sodisfatta, iżda mill-ewwel urietha li akkost ta' kollox hija ma rieditux il-'hob'.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti, hija reggħat ikkonfermat il-verzjoni tagħha mil-miktub.

Ir-rikorrenti eżebiet kopja tal-garanzija, li ġiet immarkata bħala Dok.SS1; kopja tar-ricevuta, li ġiet immarkata bħala Dok.SS2; u sett ta' ħames (5) ritratti, li ġew immarkati bħala Dok.SS3.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata, fix-xhieda ġuramentata tagħha, reggħat ikkonfermat il-verzjoni tagħha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata eżebiet il-'hob' in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

Xehed Joachim Francica, prodott mis-socjeta' ntimata, fejn fix-xhieda ġuramentata tiegħu huwa stqarr illi huwa l-persuna teknika tas-socjeta' ntimata. Kif mar fuq il-post l-ewwel darba, huwa nduna li ma kienx sadid iżda iswed minħabba 'burn out'. Huwa ppolixja kull fejn indikatlu r-rikorrenti, u dawn it-tbajja' fil-fatt kienu titjir. Qabel ma telaq mingħand ir-rikorrenti huwa staqsieha jekk kienitx kuntenta, fejn hija qalet li kienet, pero' l-għada hija reggħat ilmentat. Stqarr illi huwa kien avżaha bil-grif u kkonferma illi dan huwa 'steel' u li għalhekk ma jissaddadx.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jibda billi jghid li nonostante l-fatt li r-rikorrenti baqghet issostni illi kien it-tekniku illi kien il-kagun tal-grif fuq il-'hob' in kwistjoni, ma ngabet l-ebda prova ta' l-istat tal-'hob' qabel ma tah il-'polish' it-tekniku. It-Tribunal jinnota wkoll illi l-materjal tal-'hob' in kwistjoni huwa dak ta' 'stainless steel', li huwa ferm iktar diffiċli li jissaddad minn materjali ohra, u li fil-fatt, it-tekniku kkonferma illi ma kien hemm l-ebda hjiel ta' sadid, pero' tikek minhabba titjir ta' ilma u ikel, liema tikek kienu tnehhew mis-socjeta' ntimata. Illi, barra minn hekk, it-termini tal-garanzija, ezebita in atti, huma ċari fejn hemm stipulat: *"Rust and stainless steel damages are not covered under guarantee."*. It-Tribunal jikkonkludi li, mill-provi prodotti, jirrizulta ampjament car illi s-socjeta' ntimata ma naqqset bl-ebda mod fis-servizzi taghha lejn ir-rikorrenti konsumatur u ghalhekk, u anke wara li ra l-'hob' in kwistjoni meta gie eżebit *animo ritirandi*, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, u jordna li s-socjeta' ntimata tiehu lura l-'loan hob' minghand ir-rikorrenti u li r-rikorrenti tiehu l-'hob' in kwistjoni lura fil-pussess taghha, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**